MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2022 FIRST SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | I |
| DATE: | 14th May 2022 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

## THE SCRIPTURE AND THE CREED

Answer **THREE** questions: **ONE** from **each** section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

### SECTION A: THE CHRISTIAN BIBLE

1. Discuss the origin, formation and unity of the canon of the Bible, referring to both the Old Testament and New Testament.

2. Elaborate on how "God as creator" is presented in the Old Testament, specifically in the historical, prophetic and wisdom writings.

3. The second part of the Gospel of John is called the Book of Glory. By briefly explaining the development of the plot, discuss why this part of the Gospel is called the Book of Glory.

4. In the passion narratives narrated in the Synoptic Gospels, Jesus is presented in different ways. Discuss.

### SECTION B: THE CREED

5. The relationship between Christ and the Church is the same as the relationship between the head and the body; they both need each other. Discuss.

6. Tradition is accomplished by the Holy Spirit, but it is distinct from Scripture. Discuss.

7. "In everyone, there is naturally implanted something from which one can arrive at knowledge of the fact of God's existence" (St Thomas Aquinas). Discuss.

8. Justification from sin is obtained by grace through faith. Discuss this in view of the Christian call to holiness.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 14 ta' Mejju 2022 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m sa 12:05 p.m |

## L-ISKRITTURA U L-KREDU

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn **kull** taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-BIBBJA

1. Iddiskuti l-oriġini, il-formazzjoni u l-għaqda tal-kanoni tal-Bibbja, billi tirreferi kemm għat-Testment il-Qadim u anke għat-Testment il-Ġdid.

2. Elabora dwar kif "Alla bħala l-Ħallieq" huwa ppreżentat fit-Testment il-Qadim, speċifikament fil-kitbiet storiċi, profetiċi u tal-għerf.

3. It-tieni parti tal-Evanġelju ta' San Ġwann tissejjaħ il-Ktieb tal-Glorja. Iddiskuti għaliex din il-parti tal-Evanġelju tissejjaħ il-Ktieb tal-Glorja billi tispjega l-iżvilupp tal-kontenut tiegħu.

4. Fin-narrattivi tal-passjoni rrakkuntati fl-Evanġelji Sinottiċi, Ġesù jiġi ppreżentat b'modi differenti. Iddiskuti.

### TAQSIMA B: IL-KREDU

5. Ir-relazzjoni bejn Kristu u l-Knisja tiegħu hija l-istess bħar-relazzjoni bejn ir-ras u l-ġisem; it-tnejn jeħtieġu 'l xulxin. Iddiskuti.

6. It-Tradizzjoni jwettaqha l-Ispirtu s-Santu, imma hija distinta mill-Iskrittura. Iddiskuti.

7. "F'kull wieħed u waħda minna, b'mod naturali, hemm xi ħaġa li minnha wieħed jista' jasal għall-għarfien tal-fatt tal-eżistenza ta' Alla" (San Tumas ta' Akwinu). Iddiskuti.

8. Il-ġustifikazzjoni mid-dnub tinkiseb bil-grazzja permezz tal-fidi. Iddiskuti dan fid-dawl tas-sejħa Nisranija għall-qdusija.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

L-Università ta' Malta

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2022 FIRST SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | II |
| DATE: | 14th May 2022 |
| TIME: | 4:00 p.m. to 7:05 p.m. |

# LITURGY AND CHRISTIAN MORALITY

Answer **THREE** questions: **ONE** from **each** section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

## SECTION A: LITURGY AND THE SACRAMENTS

1. Discuss how the liturgical year helps Christians live more fully the salvific mystery of Christ.

2. "To accomplish so great a work, Christ is always present in His Church, especially in her liturgical celebrations." (Sacrosanctum Concilium, 7). Discuss Christ's presence in the Church, in the light of the liturgical celebrations themselves.

3. Refer to **THREE** sacraments, and discuss how these sacraments can benefit the life of Christians.

4. Discuss the theme of conversion with reference to the sacraments of Baptism and Reconciliation.

## SECTION B: CHRISTIAN MORALITY

5. In what way can the Fifth Commandment "Thou shalt not kill" be relevant to a contemporary economy of exclusion and inequality? Discuss, with reference to concrete examples.

6. "Beyond the rights which the person acquires by their own work, there exist rights which do not correspond to any work they perform, but which flow from their essential dignity as a person." (Centesimus Annus, 11). Discuss with particular reference to different papal documents.

7. Discuss why the Christian family is considered a "Domestic Church."

8. Discuss the commitment of the Church in presenting sexuality "as a value and task of the whole person" in the context of the challenges of contemporary society.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 14 ta' Mejju 2022 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m sas-7:05 p.m |

## IL-LITURĠIJA U L-MORALITÀ NISRANIJA

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn **kull** taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-LITURĠIJA U S-SAGRAMENTI

1. Iddiskuti kif is-sena liturġika tgħin lill-Insara jgħixu b'mod aktar sħiħ il-misteru salvifiku ta' Kristu.

2. "Sabiex ħidma tant kbira titwettaq, Kristu hu dejjem preżenti fil-Knisja tiegħu, speċjalment fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tagħha" (Sacrosanctum Concilium, 7). Iddiskuti l-preżenza ta' Kristu fil-Knisja, fid-dawl taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi nfushom.

3. Għamel referenza għal **TLIET** sagramenti u ddiskuti kif dawn is-sagramenti jistgħu jtejbu l-ħajja tal-Insara.

4. Iddiskuti t-tema tal-konverżjoni b'referenza għas-sagramenti tal-Magħmudija u tar-Rikonċiljazzjoni.

### TAQSIMA B: IL-MORALITÀ NISRANIJA

5. B'liema mod jista' jkun relevanti l-Ħames Kmandament "La toqtolx" għall-ekonomija kontemporanja tal-esklużjoni u inugwaljanza? Iddiskuti, b'referenza għal eżempji konkreti.

6. "Lil hinn mid-drittijiet li l-persuna tikseb bix-xogħol tagħha stess, jeżistu wkoll drittijiet li ma jikkorrispondu għall-ebda xogħol, iżda joħorġu mid-dinjità essenzjali tagħha bħala persuna" (Centesimus Annus, 11). Iddiskuti b'referenza partikolari għal dokumenti papali differenti.

7. Iddiskuti għaliex il-familja Nisranija hija meqjusa bħala "Knisja Domestika."

8. Iddiskuti l-impenn tal-Knisja li turi s-sesswalità "bħala valur u kompitu tal-persuna sħiħa" fil-kuntest tal-isfidi tas-soċjetà kontemporanja.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.